BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru. 4/2013**

**Data tal-pubblikazzjoni: 10 ta' Lulju 2013**

**April 2013**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ il-kummentarju tiegħu dwar il-ħruġ tal-istatistika monetarja għax-xahar ta' April 2013.

**Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Bejn Marzu u April 2013, il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro naqset b'€101.9 miljun, jew b'1.0%, għal €10.6 biljun (ara Tabella 1). Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali battiet għal 7.7% minn 9.0% x-xahar ta' qabel.

It-tnaqqis xahar fuq xahar seħħ kważi għalkollox minħabba tnaqqis fil-komponent monetarju intermedju (M2), li ċkien b'€100.1 miljun, jew b'1.0%. B'riżultat ta' dan, it-tkabbir annwali fl-M2 batta għal 8.0% minn 9.4% x-xahar ta' qabel.

It-tnaqqis fl-M2 irriżulta l-aktar minħabba kontribuzzjoni iżgħar mill-komponent monetarju ristrett (M1). Id-depożiti *overnight* naqsu b'€75.8 miljun, jew b'1.4%, f'April, u reġġgħu lura parti miż-żieda qawwija li dehret fix-xahar ta' qabel. Dan it-tnaqqis seħħ primarjament minħabba tnaqqis fil-bilanċi ta' kumpaniji mhux finanzjarji. B'kuntrarju għal dan, il-flus maħruġa żdiedu b'€5.4 miljun, jew b'0.7%. Kollox ma' kollox, l-M1 ċkien b'€70.4 miljun, u b'riżultat ta' dan ir-rata tat-tkabbir annwali niżlet għal 9.9%.

Fir-rigward tal-komponenti l-oħra tal-M2, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew inqas naqsu bi €28.1 miljun, jew b'0.7%, l-aktar minħabba tnaqqis fid-depożiti tal-individwi. Fl-istess waqt, il-kumplament tal-komponent, jiġifieri d-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew inqas, ċkien b'€1.6 miljun, jew b'1.4%, u dan irrifletta tnaqqis fil-bilanċi ta' kumpaniji privati mhux finanzjarji residenti f'pajjiżi oħra taż-żona tal-euro.

Rigward il-kontropartijiet tal-M3, il-kreditu lir-residenti taż-żona tal-euro naqas b'€215.5 miljun, jew b'1.4%, hekk kif żieda fil-kreditu lill-gvern ġenerali kienet megħluba minn tnaqqis fi kreditu lis-setturi l-oħra tal-ekonomija. Minħabba f'hekk, il-kreditu naqas b'1.1% f'April li hija rata annwali aktar mgħaġġla, wara tnaqqis ta' 0.9% f'Marzu.

B'mod aktar speċifiku, il-kreditu lill-gvern ġenerali żdied b'€39.3 miljun, jew b'1.0%, hekk kif għat-tieni xhar konsekuttiv l-IFM residenti żiedu l-ammonti miżmuma

minnhom ta' titoli ta' dejn maħruġa minn gvernijiet oħra fiż-żona tal-euro. B'kuntrarju għal dan, il-kreditu lil residenti oħra naqas b'€254.8 miljun, jew bi 2.1%, l-aktar minħabba tnaqqis fl-ammont ta' self mogħti lil kumpaniji mhux finanzjarji.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn IFM residenti f'Malta u residenti ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro, kibret b'€705.4 miljun, jew b'6.6%. Dan irriflетta tnaqqis konsiderevoli fl-obbligazzjonijiet li patta għal tnaqqis iżgħar, iżda xorta sostanzjali, fl-assi. It-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet seħħ l-aktar minħabba tnaqqis fl-ammont ta' depożiti miżmuma minn barranin ma' banek residenti. Sadattant, it-tnaqqis fl-assi rriżulta prinċipalment minn tnaqqis fid-depożiti ta' IFM residenti miżmuma ma' banek barra ż-żona tal-euro.

F'April, il-kategorija 'il-kontropartijiet l-oħra', li taħdem bil-maqlub tal-M3, żdiedet b'€591.8 miljun, jew bi 3.8%, minħabba żieda fl-obbligazzjonijiet oħra (netti). Din iż-żieda rriflettiet primarjament transazzjonijiet bejn il-banek fiż-żona tal-euro. L-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal żdiedu b'€77.3 miljun, jew b'0.6%, wara żieda fl-ishma. Fl-istess waqt, kien hemm żieda fid-depożiti tal-gvern miżjuda mal-obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali, li żdiedu bi €11.6 miljun, jew b'1.9%.

**Transazzjonijiet ma' residenti Maltin: depożiti u self**

F'April, id-depożiti ta' residenti Maltin miżmuma ma' IFM Maltin naqsu b'€132.9 miljun, jew b'1.5% (ara Tabella 2). Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali niżlet għal 5.1% minn 6.9% x-xahar ta' qabel (ara Grafika 1).

Id-depożiti *overnight* naqsu b'€67.5 miljun, jew b'1.3%, hekk kif tnaqqis fil-bilanċi ta' kumpaniji mhux finanzjarji, tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet għeleb żieda fid-depożiti tal-individwi. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tad-depożiti *overnight* battiet għal 10.8% f'April minn 13.1% x-xahar ta' qabel.

Fl-istess waqt, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew inqas naqsu b'€65.3 miljun, jew b'1.8%, minħabba tnaqqis fil-bilanċi miżmuma minn diversi setturi tal-ekonomija, partikolarment il-kumpaniji privati mhux finanzjarji. B'riżultat ta' dan, dawn id-depożiti naqsu b'rata aktar mgħaġġla minn dik ta' Marzu, bir-rata ta' bidla annwali tagħhom tinżel għal -1.6% minn -0.4% x-xahar ta' qabel.

Id-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew inqas baqgħu l-istess matul ix-xahar. Ir-rata annwali ta' bidla niżlet għal -13.7% minn -8.6% x-xahar ta' qabel.

F'April, il-kreditu mogħti minn IFM Maltin lil residenti Maltin naqas bi €83.5 miljun, jew b'0.7%, hekk kif żieda fil-kreditu lill-gvern ġenerali kienet ikkumpensata minn tnaqqis fil-kreditu lil residenti oħra. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu battiet għal 1.1% minn 2.1% f'Marzu (ara Grafika 2).

Il-kreditu lill-gvern ġenerali żdied b'€9.9 miljun, jew b'0.4%, hekk kif il-banek żiedu l-ammont ta' stokks tal-Gvern ta' Malta miżmuma minnhom. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lill-gvern ġenerali telgħet għal 1.8% minn 1.7% f'Marzu.

B'kuntrarju għal dan, il-kreditu lil residenti barra l-gvern ġenerali naqas bi €93.4 miljun, jew b'1.1%, wara li naqas il-volum ta' self mogħti lil kumpaniji mhux finanzjarji li joperaw f'numru ta' setturi. Dawn jinkludu s-setturi tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut; tal-elettriku, gass, *steam* u l-arja kkondizzjonata; u tal-kostruzzjoni. Dan it-tnaqqis patta għal żieda moderata fis-self lill-individwi, li kompla jseħħ minħabba self għal iffinanzjar ta' xiri tad-djar. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali niżlet għal 1.0% minn 2.3% x-xahar ta' qabel.

## Assi barranin netti tal-IFM Maltin

L-assi barranin netti tal-IFM Maltin naqsu b'€29.1 miljun, jew b'0.2%, matul ix-xahar hekk kif l-obbligazzjonijiet finanzjarji naqsu aktar mill-obbligazzjonijiet korrispondenti (ara Tabella 2).[1] It-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet seħħ primarjament minħabba tnaqqis fis-self mogħti lil barranin, kif ukoll minħabba tnaqqis fid-depożiti miżmuma ma' IFM barranin. Min-naħa l-oħra, it-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet irrifletta primarjament tnaqqis fl-ammont ta' depożiti miżmuma ma' banek residenti. Madankollu, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-assi barranin netti telgħet għal 7.8% f'April minn 7.4% x-xahar ta' qabel, hekk kif it-tnaqqis li seħħ matul ix-xahar kien inqas minn dak irreġistrat tnax-il xahar qabel.

## Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti[2]

F'April, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa mill-IFM Maltin fuq id-depożiti kollha miżmuma mill-individwi u kumpaniji mhux finanzjarji Maltin baqgħet l-istess, jiġifieri 1.43%. Sadattant, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax mitluba mill-IFM Maltin fuq is-self lill-individwi u kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta niżlet b'punt bażi għal 4.32%.

Meta mqabbla ma' sena qabel, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa fuq id-depożiti kienet żewġ punti bażi iktar, filwaqt li dik mitluba fuq is-self kienet erba' punti bażi inqas.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta [www.centralbankmalta.org](www.centralbankmalta.org)***

[1] L-assi barranin netti jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

[2] L-informazzjoni dwar ir-rati tal-imgħax fuq dejn mhux imħallas tkopri d-depożiti tal-IFM f'denominazzjonijiet tal-euro miżmuma mill-individwi u minn kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta u s-self mogħti lilhom. L-individwi jinkludu wkoll istituzzjonijiet li jipprovdu servizz lill-individwi bla qligħ. Kumpaniji mhux finanzjarji jinkludu l-intrapriżi kollha minbarra banek, kumpaniji tal-assikurazzjoni u intermedjarji finanzjarji oħra.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM[(1)(2)]

*EUR miljuni*

| | Apr-13 | Mar-13 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Apr-12 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel: Apr-13 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel: Mar-13 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI[(3)]** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **6,174.8** | **6,245.2** | **-70.4** | **-1.1** | **5,620.1** | **9.9** | **11.9** |
| Flus maħruġa[(4)] | 727.2 | 721.9 | 5.4 | 0.7 | 706.1 | 3.0 | 2.9 |
| Depożiti *overnight* [(5)] | 5,447.6 | 5,523.3 | -75.8 | -1.4 | 4,914.0 | 10.9 | 13.2 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **10,426.8** | **10,526.9** | **-100.1** | **-1.0** | **9,650.7** | **8.0** | **9.4** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 6,174.8 | 6,245.2 | -70.4 | -1.1 | 5,620.1 | 9.9 | 11.9 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[(5)] | 113.3 | 114.9 | -1.6 | -1.4 | 131.9 | -14.1 | -9.2 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[(5)] | 4,138.7 | 4,166.8 | -28.1 | -0.7 | 3,898.8 | 6.2 | 6.6 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **10,620.5** | **10,722.4** | **-101.9** | **-1.0** | **9,865.7** | **7.7** | **9.0** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 10,426.8 | 10,526.9 | -100.1 | -1.0 | 9,650.7 | 8.0 | 9.4 |
| Titoli negozjabbli[(6)] | 193.7 | 195.5 | -1.8 | -0.9 | 214.9 | -9.9 | -8.5 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **15,553.3** | **15,768.8** | **-215.5** | **-1.4** | **15,721.5** | **-1.1** | **-0.9** |
| Self lill-gvern ġenerali | 3,790.5 | 3,751.2 | 39.3 | 1.0 | 4,244.2 | -10.7 | -11.9 |
| Self lil setturi oħra | 11,762.8 | 12,017.5 | -254.8 | -2.1 | 11,477.3 | 2.5 | 3.1 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **11,406.1** | **10,700.7** | **705.4** | **6.6** | **9,383.9** | **21.5** | **21.1** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 32,821.4 | 34,114.8 | -1,293.5 | -3.8 | 31,812.3 | 3.2 | 11.7 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 21,415.2 | 23,414.1 | -1,998.9 | -8.5 | 22,428.4 | -4.5 | 7.9 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **16,338.9** | **15,747.1** | **591.8** | **3.8** | **15,239.8** | **7.2** | **5.6** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 636.5 | 624.9 | 11.6 | 1.9 | 681.7 | -6.6 | -15.6 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 12,607.4 | 12,530.2 | 77.3 | 0.6 | 12,030.5 | 4.8 | 4.8 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 3,094.9 | 2,592.0 | 502.9 | 19.4 | 2,527.6 | 22.4 | 16.8 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.

(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM.

(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(6) Titoli negozjabbli jinkludu titoli ta' dejn b'maturita' ta' sentejn jew anqas maħruġa minn IFM f'Malta wara li jitnaqqas l-ammont tal-istess titoli miżmuma minn IFM f'Malta li nħarġu minn IFM f'postijiet oħra fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi tas-suq monetarju u ftehim għal xiri mill-ġdid li mhumiex immexxija minn kontropartijiet ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI[1]

*EUR miljuni*

| | Apr-13 | Mar-13 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Apr-12 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Apr-13 | Mar-13 |
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI[2]** | **9,026.1** | **9,159.0** | **-132.9** | **-1.5** | **8,587.8** | **5.1** | **6.9** |
| Depożiti *overnight* | 5,265.6 | 5,333.1 | -67.5 | -1.3 | 4,750.3 | 10.8 | 13.1 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas | 113.3 | 113.3 | 0.0 | 0.0 | 131.2 | -13.7 | -8.6 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas | 3,647.2 | 3,712.5 | -65.3 | **-1.8** | 3,706.3 | -1.6 | -0.4 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **11,168.9** | **11,252.4** | **-83.5** | **-0.7** | **11,042.5** | **1.1** | **2.1** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,476.7 | 2,466.8 | 9.9 | 0.4 | 2,433.9 | 1.8 | 1.7 |
| Self lil setturi oħra | 8,692.3 | 8,785.7 | -93.4 | -1.1 | 8,608.6 | 1.0 | 2.3 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **12,299.7** | **12,328.9** | **-29.1** | **-0.2** | **11,408.2** | **7.8** | **7.4** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 42,941.5 | 44,688.2 | -1,746.7 | -3.9 | 42,048.2 | 2.1 | 7.3 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 30,641.8 | 32,359.4 | -1,717.6 | -5.3 | 30,640.0 | 0.0 | 7.2 |

[1] It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
[2] Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

**Grafika 1**
**Tkabbir f'depożiti magħżula ta' residenti Maltin inklużi fl-M3**
*(bidliet perċentwali annwali)*




Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

**Grafika 2**
**Kreditu lir-residenti Maltin**
*(bidliet perċentwali annwali)*




Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.